# Il-Festi tal-Ġimgħa Mqaddsa fl-Imgħoddi fil-Birgu

Aħna l-Maltin għandna ħafna għal qalbna l-granet ta' l-Għid il-Kbir. Għaldaqstant insibu drawwiet sbieħ li bihom minn dejjem urejna l-fidi tagħna ta' nsara fil-ġimgħa li tfakkarna fil-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.

Il-mibki Kanonku Dun Anton Zammit Gabarretta jagħtina dan il-ħafna tagħrif siewi u bir-reqqa fuq il-Ġimgħa Mqaddsa fil-Birgu.

## ĦADD IL-PALM

Fil-Birgu, waħda mill-eqdem bliet Maltin, bl-ewwel knisja parrokkjali fi gżiritna li qdiet lil-Ordni ta' San Ġwann u lill-Inkwiżituri, dawn il-funzjonijiet kienu jsiru bl-ikbar solennità u qima xierqa. Għalhekk, ejjew naraw x'kien isir fl-imgħoddi matul il-Ġimgħa Mqaddsa fil-Birgu. Nibdew minn Ħadd il-Palm.

Tliet moti solenni fil-għodu kmieni kienu jfakkru li sebaħ l-ewwel jum tal-Ġimgħa Mqaddsa u jistiednu lis-saċerdoti għat-talb fil-kor, għall-funzjoni bit-tberik u t-tqassim tal-palm. Għal din il-funzjoni kien jieħu sehem id-Delegat Appostoliku (l-Inkwiżitur) u l-uffiċċjali kollha tal-Qorti tiegħu. Wara t-tberik tal-palm, il-kappillan jersaq lejn l-Inwiżitur li kellu s-sedia tiegħu fuq il-presbiterju, biex jagħtih il-palm u ż-żebbuġ imbierek.

Fi żmien l-Inkwiżitur Mons. Antonio Lante, fis-sena 1772, Dun Ġużepp Xerri, iċ-ċerimonier tal-Knisja ta' San Lawrenz, qal li l-Inkwiżitur stess kellu jmur jieħu ż-żebbuġ imbierek minn idejn iċ-ċelebrant. U hekk sar minn dik is-sena sakemm baqa' l-aħħar Inkwiżitur f'Malta.

Wara l-funzjoni ta' Ħadd il-Palm kienu jibdew il-Kwaranturi li għadhom isiru sal-lum. F'Malta dawn saru għall-ewwel darba fil-Birgu. Kien il-Kapuċċin Fra Roberto d'Evoli li ħeġġeġ lill-Kavallieri u lill-Maltin jagħmluhom bħala talb lil Alla fil-bidu ta' l-Assedju l-Kbir f'Mejju 1565. Sa qabel l-aħħar gwerra, kien isir palm artistiku biex jitqassmu lill-Kanonċi u lis-saċerdoti. L-irġiel kienu jiffurmaw salib żgħir bil-weraq tal-palm u jilbsuh fil-pavru. In-nies kienu jieħdu ż-żebbuġ imbierek id-dar biex jitqiegħed fil-kmamar bħala ħarsien mid-disgrazzji. Nhar l-Erbgħa tat-Tniebri fil-għodu, wara l-Kwaranturi, kienet issir purċissjoni qasira bis-Santissimu Sagrament. Din kienet toħroġ mill-bieb tal-ġenb, titla' l-Pjazza ewlenija u tinżel għall-bieb il-kbir. Wara nofs in-nhar isiru t-Tniebri.

Fil-għodu, l-Erbgħa, kienu jitniżżlu l-vari al-Ġimgħa l-Kbira minn kamra ħdejn l-Oratorju tal-Kurċifiss - minħabba f'hekk dil-kamra kienet tissejjaħ "il-Ġenna". Waqt it-tniebri ta' wara nofs in-nhar, kien ikun hemm il-kant tal-Lamentazzjonijiet ta' Ġeremija. Wara kull salm kienet tintefa xemgħa mill-Kandilabru mixgħul fuq il-presbiterju.

### ĦAMIS IX-XIRKA

F'Ħamis ix-Xirka, id-Delegat Appostoliku flimkien mal-membri tiegħu, kien ikun preżenti għall-funzjoni. Il-Gran Mastru kien jinżel mill-Palazz tiegħu għall-knisja fejn jieħu postu fuq it-tron. Kif jasal fuq it-tron, il-qniepen kollha jieqfu mid-daqq sa jum il-Glorja. Kif



tspiċċa l-quddiesa, kien jiġi ttrasportat is-Santissimu għall-Kappella fejn ikun hemm is-Sepulkru.

Wara kienet issir purċissjoni lejn il-Palazz Maġisterjali fejn issir tifkira ta' l-Aħħar Ċena. Is-sala ewlenija tal-Palazz kienet tkun imżejna kif jixraq. Mejda twila bi tvalja bajda tkun f'nofs is-sala. F'naħa waħda tal-mejda tlettax-il raġel lebsin l-abjad ikunu bil-qiegħda fuq bank. Fl-istess naħa tal-mejda ikun hemm tlettax-il ħobża. Tnax-il Kavallier lebsin gala kienu joqogħdu fejn id-dħul tas-sala, kull wieħed ikollu buqar tal-fidda u friskatur. Mal-wasla tal-purċissjoni, dawn kienu jingħaqdu magħha fid-dħul tas-sala. Wara li d-Djaknu jaqra l-Vanġelu, il-Kavallieri jagħtu l-buqar lill-Gran Mastru biex jaħsel ir-riġlejn tat-tlettax-il raġel. Wara dan, kienu jingabru l-flus mingħand min ikun hemm biex jitqassmu lill-foqra.

Fil-għaxija, fil-Knisja ta' San Lawrenz, kienet issir iċ-ċerimonja tas-Sepulkru. Billi l-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann kienu d-difensuri ta' l-Art Imqaddsa, huma kienu jieħdu sehem b'ħeġġa kbira. Is-Sepulkru kien jiżżejjen b'ornamenti prezzjużi. Il-Gran Mastru kien jattendi liebes ilbies irjali u solenni. Kien iżomm f'idejh iċ-ċavetta tas-Sepulkru biex juri li hu kien l-għassies ewlieni ta' l-Art Imqaddsa. Imbagħad id-Djaknu jersaq lejn it-tron tal-Gran Mastru biex jagħtih iċ-ċavetta. Wara ċ-ċerimonja din terga' tingħata lill-Gran Mastru. Żewġ kavallieri lebsin uniformi tal-bellus, kienu joqogħdu għassa mas-Sepulkru sal-Ġmgħa l-Kbira meta jiġi ttrasportat is-Santissimu. Għalkemm is-Sepulkru jkun vojt, il-Kavallieri kollha jibqgħu għarkobbtejhom bħala sinjal ta' rispett lejn il-postijiet Imqaddsa.

## *IL-ĠIMGĦA L-KBIRA*

Il-Ġimgħa kineet issir l-adorazzjoni tas-Salib. Fil-Manuskritt ta' Lanzon insibu tagħrif sħiħ kif kienet issir qabel ma' l-Knisja ta' San Lawrenz saret Kolleġġjata.

Il-Kappillan, ħafi, joħroġ fuq il-presbiterju. Kien jimxi mill-Kappella tal-Karità għall-Kappella ta' San Ġużepp u jdur għall-korsija. Jinżel tliet darbiet għarkobbtejh u jitla' jbus is-Salib. Iċ-ċerimonjier kien jimxi miegħu. Wara kienu jiġi l-Ministri u l-Benefiċjati. Fl-aħħar jitilgħu l-qassisin tal-Parroċċa. Imbagħad iċ-ċerimonjier kien isejjaħ lill-Luogotenent tal-Birgu biex jersaq għall-adorazzjoni f'nofs il-presbiterju. Wara, iṣ-salib jitqiegħed fuq velu vjola fuq it-taraġ għall-qima tan-nies. Kienu jitilgħu l-ewwel l-irġiel imbagħad in-nisa.

Anki l-Griegi li kienu joqogħdu fil-Birgu kienu jagħmlu funzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira fit-tliet knejjes żgħar li kellhom. Dawn kienu jsiru bir-Rit Orjentali. B'hekk in-nies setgħu jaraw kemm ir-Rit Orjentali kif ukoll ir-Rit Ruman. Għal visti tas-Seba' Knejjes, wara

nofs in-nhar, sa qabel l-aħħar gwerra, kont tara l-fratellanzi, għaqdiet oħra, tal-banda bil-kappillan magħhom għaddejjin minn knisja għall-oħra. F'kull knisja kienet titħejja borma bil-ħwawar (x'aktarx wara l-altar) li kinet tfewwaħ il-knisja. Il-Manuskritt Lanzon (fl-Arkivju Kapitulari tal-Knisja ta' San Lawrenz, fil-Birgu) jagħtina deskrizzjoni sabiħa taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Birgu fil-bidu tas-Seklu dsatax.

Il-priedka tat-Tliet Sigħat, li bdiet fl-1792 baqgħet issir sa xi sitta u għoxrin sena ilu. Fl-imgħoddi l-Inkwiżitur u n-nies tiegħu kienu jieħdu parti fl-Adorazzjoni tas-Salib. Fil-Birgu n-nies kellhom devozzjoni kbira ghar-relikwija tal-Vultu Sant fil-Kappella tal-Kurċifiss. Tagħrif sħiħ insibuh fl-imsemmi Manuskritt ta' Dun Lawrenz li jgħidilna bir-reqqa x'kien isir f'nhar il-Ġimgħa l-Kbira.

Fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, qabel l-aħħar gwerra, kienu jieħdu parti l-fratelli tal-Via Sagra u tal-Kurċifiss. Fil-bidu tas-Seklu dsatax kienu jkunu biss il-fratelli tal-Kurċifiss, li skond Lanzon, dawn kienu mal-400 fratell. Il-qassisin kienu jerfgħu l-vara tal-Monument (Kristu Mejjet). It-tnax-il Kunsullier, il-Kaxxier u s-Segretarju tal-Fratellanza kienu jimxu sebgħa kull naħa tal-Monument. Fiż-żewġ naħat tat-triq kienu jimxu s-suldati bl-ixkubetta mniżżla 'l isfel u quddiemhom jimxi żewġ suldati, wieħed idoqq tambur u l-ieħor fifra. Il-Kaptan tax-Xwieni ta' l-Ordni kien jibgħat dawn is-suldati. Iktar tard, kienu jkunu suldati Maltin mas-servizz ta' l-Ingliżi.

Il-purċissjoni kienet iddur mal-Birgu sa ħdejn Sant' Anġlu, iddur ħdejn il-baħar matul ix-xatt il-kbir. Kienet tieqaf fejn il-knejjes tal-Luzjata, ta' Santa Skolastika u tal-Karmnu. Il-Kleru, bil-Monument, kien jidħol f'dawn il-knejjes fejn ikantaw xi responsorju. Il-purċissjoni kienet issir fid-dlam. Toħroġ fl-Ave Maria u tibqa' tard barra. Il-qassisin, il-fratelli u l-abbattini kien ikollhom lanterni jew torċi mixgħulin billi dak iż-żmien ma kienx hemm dawl ta' l-elettriku.



**Il-Kurċifiss tal-Vara l-Kbira**
**Meqjum fil-Parroċċa ta'**
**San Lawrenz**
**Vittoriosa**

L-Isqof Labini, fl-1780, ordna li din tibda ssir fid-dawl. Iżda fil-Birgu din baqgħet issir tard minħabba l-Inkwiżitur li kien jinżel tard għar-reċita tal-Matutin. Meta l-aħħar Inkwiżitur, Mons. Carpegna telaq minn Malta, il-purċissjoni bdiet toħroġ kmieni bħall-oħrajn.

## SIBT IL-GLORJA

Il-qniepen tal-Glorja kienu jdoqqu s-Sibt fil-għodu. Mal-Glorja joħroġ it-tambur idur mat-toroq b'ħafna tfal warajh. Iż-żgħażagħ kienu jieħdu l-ewwel għawma. X'ħin tgħaddi l-istatwa ta' Kristu Rxoxt, it-tfal żgħar igħollu l-figolla u jgħajtu "Kristu Rxoxt, berikhieli!" Il-bajda tal-figolla, fl-imgħoddi, kienet tkun bajda vera mgħollija iebsa u mizbugħa ħamra. Il-lum, aktarx li tkun taċ-ċikkulata. Bil-qawmien mill-mewt, Kristu kisbilna l-qawmien għall-ħajja ta' dejjem. Għalhekk, fl-Għid il-kbir, aħna l-insara nagħmlu l-Bajda, li tfisser il-bidu tal-ħajja.



Lejn l-aħħar tas-seklu tmintax, din il-purċissjoni ta' l-Għid kienet toħroġ għal xi s-sagħtejn ta' fil-għodu (qabel il-Pater Noster). L-Isqof Labini ordna li ma ssirx iżjed f'dak il-ħin. Kienu jieħdu sehem irġiel lebsin pajżana b'torċi mixgħula f'idejhom. Warajhom kien jimxi l-Kleru tal-Parroċċa, il-Kulleġġ tal-Benefiċjati u l-Kappillan. Is-sagristan kien jerfa' s-salib tal-Kleru. Fi żmien il-Kavallieri, l-istatwa kellha l-bandiera ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Meta ġew l-Ingliżi, flok il-bandiera ħamra bis-salib abjad, tqiegħdet palma. Maż-żmien flok il-palma reġgħet tqiegħdet il-bandiera tal-Kavallieri. Sal-lum il-vara tal-Birgu għadna narawha bil-bandiera ta' l-Ordni ta' San Ġwann.

Sa qabel l-aħħar gwerra, kif iddoqq il-Glorja s-Sibt fil-għodu, Kristu Rxoxt kien jinġieb mill-Knisja tal-Karmnu għall-Parroċċa. L-għada, f'Ħadd il-Għid, kienet issir il-purċissjoni fil-għodu. Din tkun imexxija minn Kanonku tal-Parroċċa, x'aktarx mill-aħħar wieħed li jkun ħa l-pussess. Għadd kbir ta' żgħażagħ jaqbdu l-lasti meta jaslu f'ċerti nħawi biex jiġru bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt.

Matul l-aħħar gwerra, għal ħames snin sħaħ, dawn il-festi ma sarux. Fl-1945 dawn reġgħu bdew isiru. Kien Dun Lawrenz Zammit li ħareġ purċissjoni fost il-ferħ tal-Vittorjosani.